MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 1256/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Bondin**
**V**

**SERGIO ZERAFA**
**CLAYTON FIOTT**
**SHAUN AQUILINA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **SERGIO ZERAFA** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Eugenio u Pauline nee Zahra, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta’ Marzu 1983 u residenti 12, Sqaq Aloisio, 1, Hal Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 182683M, **CLAYTON FIOTT** ta’ tlieta w ghoxrin sena bin David u Nadia nee Sciberras, imwieled Pieta nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Novembru 1985 u residenti Flat 2, ‘Esmeralda’, Triq il-Ħajjata, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 574585M u **SHAUN AQUILINA** ta’ erbgha w ghoxrin sena bin Anthony u Maria nee Montebello, imwieled l-Awstralja nhar d-disgha ta’ Frar

1984 u residenti 71, Triq San Frangisk, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 31494M gew imressqa quddiemha nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008 akkuzati talli:

1. Fix-xhur ta’ qabel l-wiehed u tletin ta’ Dicembru 2008, b’diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, kkommettew serq t'oggetti ta’ dekorazzjoni mill-fond ‘Leaf Limited’ sitwat fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

2. Talli assoccjaw ruħhom ma xi persuni jew persuna ohra f’Malta jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmlu delitt;

3. Lil **Clayton Fiott u lil Sergio Zerafa wahedhom** talli nhar t-tlettax ta’ Dicembru 2008 u nhar l-hmistax ta’ Dicembru 2008, ikkommettew serq t’oggetti ta’ dekorazzjoni mill-fond ‘Leaf Limited’ sitwat fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali, l-okkorrenza relattiva, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputati, l-fedini penali tal-imputati kollha, l-listi tal-oggetti kif wkoll stqarrija rilaxxjata mill-imputati.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jerġghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom kollha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.
Semghet ukoll lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputati kkorroboraw maghha tul l-investigazzjoni kollha u kien bl-ghajnuna taghhom li r-res furtiva giet ritrovata u b'hekk is-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

Semghet wkoll lil imputati jiddikjaraw li huma lesti li jixhdu fil-konfront ta' terzi meta mitluba jaghmlu dan.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tat-tlett imputati, minn fejn jirrizulta li l-imputati m'ghandhom ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha w ghaldaqstant ghandhom jigu trattati bhalikieku huma *first time offenders*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li bl-ghajnuna tal-istess tlett imputati r-res furtiva giet ritrovata;

4. Il-fatt li l-imputati ddikjaraw li huma lesti li jixhdu fil-konfront ta' terzi meta mitluba jaghmlu dan.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 268, 281(a) u 48A u tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputati SERGIO ZERAFA, CLAYTON FIOTT u SHAUN AQUILINA hatja tal-akkuzi kollha kif minnhom**

**ammessi u tiddecidi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reati iehor ghal perjodu ta' sentejn (2) mill-lum.**

**Il-Qorti spjiegat lil hatja fi kliem car, kemm r-responsabilita taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' sentejn (2) u l-imputati ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------